



Brussell, 12 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6680/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

AGRI 105
AGRILEG 32
AGRIFIN 25
AGRISTR 15
AGRIORG 24
CODEC 299
CADREFIN 104

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jittfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perijodu ta' żmien wara l-2020, inkluż **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (Pjan Strateġiku tal-PAK)**, li jinkludi l-pagamenti diretti, l-interventi f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali, li jaġġorna u jissostitwixxi r-Regolamenti attwali dwar il-Pagamenti Diretti u dwar l-Iżvilupp Rurali.

2. Fil-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021-2027, li fihom gwida wkoll dwar elementi ewlenin tal-atti leġislattivi settorjali relatati mal-QFP, inkluż il-Pjan Strateġiku tal-PAK.
3. Fil-21 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" qabel dwar Approċċ Ġenerali dwar ir-riforma tal-PAK, u b'hekk ta mandat ta' negozjar lill-Presidenza (dok. 12148/20 REV 1 + ADD 1). Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew ikkonkluda l-vot dwar il-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu.
4. Fl-10 ta' Novembru 2020, in-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar it-tliet Regolamenti dwar ir-riforma tal-PAK tnedew fi trilogu jumbo. Minn dak iż-żmien 'l hawn, saru seba' trilogi ddedikati għall-Pjan Strateġiku tal-PAK (id-19 ta' Novembru, l-1 u s-17 ta' Diċembru 2020, kif ukoll fit-22 ta' Jannar, l-10 u t-23 ta' Frar, u l-11 ta' Marzu 2021).
5. Is-suġġetti koperti s'issa fin-negozjati dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK mal-Parlament Ewropew jinkludu:
 - l-arkitettura ekoloġika (blokka 1: kondizzjonalità, ekoskemi, Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli);
 - il-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid (blokka 2: objettivi, indikaturi, ammonti unitarji, rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, analiżi tal-prestazzjoni);
 - il-kamp ta' applikazzjoni u r-rekwiżiti komuni (blokka 4);
 - pagamenti diretti (blokka 5: definizzjonijiet, tnaqqis ta' pagamenti, konverġenza interna, pagamenti ridistributtivi, bdiewa żgħar, bdiewa żgħażaġh)
 - interventi settorjali (blokka 6)
 - interventi għall-iżvilupp rurali (blokka 7).

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Suġġetti miftiehma b'mod proviżorju

6. Id-diskussjonijiet tat-trilogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni ppermettew li jintlaħqu ftehimiet proviżorji b'mod partikolari dwar:
- xi **definizzjonijiet** fl-Artikoli 3 u 4, bħal "bidwi", "azjenda", "raba' li jinħadem" u "għelejjel permanenti";
 - il-maġġoranza tal-**objettivi** stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6;
 - l-emendi tal-Parlament Ewropew relatati mal-**iżvilupp sostenibbli, il-perspettiva tal-ġeneru u d-dimensjoni globali tal-PAK** fl-Artikoli 9a, 9c u 10a;
 - **l-appoġġ domestiku tad-WTO** fl-Artikolu 10;
 - xi elementi tal-arkitettura ekoloġika, bħall-**prinċipju u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kondizzjonalità** fl-Artikolu 11, **l-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT)** fl-Artikolu 12, **is-Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli** fl-Artikolu 13 (ħlief għall-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti) u diversi KAAT u r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) stabbiliti fl-Anness III; hija meħtieġa aktar ħidma b'mod partikolari fuq l-ekoskemi fl-Artikolu 28;
 - l-implimentazzjoni tal-**ftehim Blair House** fl-Artikolu 10a;
 - xi dispożizzjonijiet dwar **pagamenti diretti**, bħar-rekwiżiti minimi għall-pagamenti diretti fl-Artikolu 15a u għall-pagamenti diretti diżakkoppjati fl-Artikolu 16;
 - diversi dispożizzjonijiet dwar **interventi settorjali** u interventi għall-**iżvilupp rurali**;

- l-elementi ewlenin tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid, b'mod partikolari r-**rapporti annwali dwar il-prestazzjoni u l-analiżi biennali tal-prestazzjoni** (opposti mill-Kummissjoni), **parametru referenzjarju** għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni bħal fl-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill, l-**ammonti unitarji medji massimi ppjanati** kemm għall-interventi għall-iżvilupp rurali tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) kif ukoll għal dawk mhux tas-SIAK, il-livelli ta' tolleranza għal devjazzjonijiet ta' 35 % fl-2025 u 25 % fl-2027 għall-analiżi tal-prestazzjoni; hija meħtieġa aktar ħidma teknika fuq l-indikaturi addizzjonali.

Suġġetti b'pożizzjonijiet diverġenti ħafna

7. Id-diskussjonijiet tat-trilogu wrew pożizzjonijiet diverġenti ħafna tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew b'mod partikolari dwar is-suġġetti li ġejjin:
 - **Kondizzjonalità soċjali** (Artikolu 11a): il-Parlament Ewropew jitlob għal sistema ta' kondizzjonalità soċjali "kompluta", simili għall-kondizzjonalità ambjentali, b'verifiki mad-direttivi rilevanti u penali amministrattivi; meta ddiskutew din l-emenda fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA), id-delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-piż amministrattiv li din tinvolvi, filwaqt li fakkru li d-drittijiet soċjali u tal-impjeg diġà huma rregolati fil-livell nazzjonali;
 - **Bidwi attiv** (Artikolu 4): skont il-filosofija tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill jipprevedi kunċett ta' bidwi attiv fuq bażi volontarja, filwaqt li l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jitolbu għall-applikazzjoni obbligatorja tiegħu; diverġenzi ulterjuri jinkludu l-kriterji fid-definizzjoni, bil-Parlament jirrikjedi li bdiewa attivi jinvolvu ruħhom f'attività agrikola minima u jipprovdu beni pubbliċi, u t-talba tal-Parlament għal lista negattiva;

- **Bdiewa ġodda** (Artikolu 4): il-Parlament Ewropew jitlob biex tiżdied definizzjoni għal bdiewa ġodda, flimkien ma' miżuri ta' appoġġ għall-installazzjoni ta' bdiewa ġodda taħt il-pilastru II, filwaqt li l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill jimmira r-riżorsi limitati tal-PAK lejn parteċipanti żgħażaġħ biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali;
- **Skemi biex tingħata spinta lill-kompetittività** (Artikolu 28a): il-Parlament Ewropew irid jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu "skemi li jsaħħu l-kompetittività" biex jappoġġaw lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jonfqu l-flus għat-titjib tal-kompetittività tagħhom; filwaqt li din l-emenda għadha ma ġietx diskussa fil-Kunsill, il-Presidenza temmen li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-iskema diġà huwa kopert minn interventi oħra għall-iżvilupp rurali;
- **Ffissar ta' limitu massimu u digressività** (Artikolu 15): hemm diverġenza fil-pożizzjonijiet b'mod partikolari dwar jekk it-tnaqqis ta' pagamenti hux ser ikun volontarju, kif mitlub mill-Kunsill, jew obbligatorju, kif mitlub mill-Parlament Ewropew u propost mill-Kummissjoni. Differenzi ulterjuri huma relatati mal-kamp ta' applikazzjoni (li għandu jkun limitat għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (BISS) skont il-Kunsill iżda estiż għall-pagamenti diretti kollha skont il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), id-differenzjazzjoni magħmula mill-Kunsill bejn l-iffissar ta' limitu massimu u d-digressività, u sa liema punt is-salarji jistgħu jitnaqqsu qabel ma jitnaqqsu l-pagamenti diretti;
- **Konverġenza interna** (Artikolu 20): id-differenza ewlenija bejn il-pożizzjonijiet hija relatata mal-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet għall-pagament għandhomx jiġu allinjati bis-siġħ sas-sena tat-talba 2026, kif mitlub mill-Parlament Ewropew, jew jilhqax valur minimu ta' 75 % tal-ammont unitarju medju ppjanat, kif propost mill-Kummissjoni u appoġġat mill-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill;

- **Pagamenti għal bdiewa żgħar** (Artikolu 25): il-koleġiżlaturi ma jaqblux dwar jekk din l-iskema għandhiex tiġi applikata fuq bażi volontarja (il-Kunsill u l-Kummissjoni) jew obbligatorja (il-Parlament Ewropew); diffikultà oħra hija marbuta mat-talba tal-Parlament biex jiġi stabbilit ammont massimu għall-UE kollha kemm hi għall-eliġibbiltà ta' din l-għajnuna;
- **Pagamenti ridistributtivi** (Artikolu 26): il-linja diviżorja ewlenija bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew hija jekk l-Istati Membri jingħatawx l-għażla li jagħtu dawn il-pagamenti, kif mitlub mill-Kunsill, jew jekk jiġux obbligati jagħmlu dan, kif mitlub mill-Parlament u propost mill-Kummissjoni;
- **Appoġġ għall-introjt għal bdiewa żgħażaġh** (Artikolu 27): il-fehmiet ma jaqblux dwar il-livell minimu li għandu jiġi allokat għal bdiewa żgħażaġh, bil-Parlament Ewropew jitlob minimu ta' 4 % tal-pagamenti diretti, imqabbel mat-2 % propost mill-Kummissjoni u appoġġat mill-Kunsill; hija meħtieġa deċiżjoni oħra dwar jekk dawn il-fondi għandhomx jintużaw taħt il-pilastru I biss, kif mitlub mill-Parlament Ewropew, jew taħt iż-żewġ pilastri, kif mitlub mill-Kunsill u mill-Kummissjoni;
- **L-Anness IXaa:** il-Parlament Ewropew jitlob li jiġu stabbiliti l-ammonti massimi ta' appoġġ għal ċerti tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali f'lista dettaljata, skont ir-Regolament attwali dwar l-Iżvilupp Rurali 1305/2013; il-Presidenza temmen li tali lista tirrifletti l-"PAK preċedenti", li tipprevjeni lill-PAK futura milli tuża l-potenzjal sħiħ tagħha, pożizzjoni appoġġata mill-Kummissjoni.
- **Indikaturi tar-riżultati użati għall-analiżi tal-prestazzjoni:** filwaqt li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew iridu li jintużaw l-indikaturi tar-riżultati kollha għall-analiżi tal-prestazzjoni, l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill jillimitahom għal tnax. Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob għall-possibbiltà li jintuża kwalunkwe indikatur tar-riżultati rilevanti ieħor tal-Anness I jew kwalunkwe indikatur tar-riżultati speċifiku ieħor tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-analiżi tal-prestazzjoni, ħaġa li huma kontra tagħha kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kummissjoni.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

8. Filwaqt li t-trilogi li saru s'issa ppermettew lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jallinjaw il-fehmiet tagħhom dwar diversi suġġetti, ser tkun meħtieġa ħidma intensiva ulterjuri biex jintlaħaq ftehim komprensiv dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK kollu kemm hu.
9. *Abbażi ta' dan id-dokument, il-Ministri ser jiġu mistiedna jiskambjaw fehmiet fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" li jmiss dwar il-kwistjonijiet pendenti, bil-ħsieb li l-Presidenza tingħata gwida għad-diskussjonijiet tat-trilogu li jmiss. B'mod partikolari, ser jiġu mistiedna jiffokaw fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:*

L-immirar tal-pagamenti: bdiewa attivi, iffissar ta' limitu massimu, digressività, pagamenti ridistributtivi, konverġenza interna, bdiewa żgħar, bdiewa żgħażaġħ, bdiewa ġodda;

Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid:

Pakkett żgħir mill-ħames trilogu (il-punt ta' riferiment għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni, l-analiżi biennali tal-prestazzjoni, l-ammonti unitarji massimi ppjanati għall-interventi mhux tas-SIAK għall-Iżvilupp Rurali, il-livelli ta' tolleranza għal devjazzjonijiet), l-indikaturi speċifiċi għall-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-indikaturi tar-riżultati għall-analiżi tal-prestazzjoni, l-Anness IXaa